MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**MAGISTRAT DR.
PAUL COPPINI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 12/2006

Rose Grech

Vs

Michael Angelo Cordina u
Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti,
Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-attriċi, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet :

1. Illi fis-sitta (6) t'April tas-sena elfejn (2000) twieled mill-attriċi Rose Grech iben illi lilu ngħataw l-ismijiet Koli, u l-att tat-twelid tiegħu ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru mija u sebgħa tas-sena elfejn (107/2000) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid anness ma' din iċ-ċitazzjoni bħala dokument 'A';

2. Illi f'dak l-att tat-twelid hemm iddikjarat illi Koli Cordina huwa iben il-konvenut Michael Angelo Cordina;

3. illi effettivament Koli Cordina mhuwiex l-iben naturali tal-konvenut Michael Angelo Cordina u dan fil-fatt twieled minn relazzjoni li l-esponenti kellha ma' terza persuna;

4. illi l-esponenti trid illi jkun hemm dikjarazzjoni li Koli Cordina mhux l-iben naturali tal-konvenut Michael Angelo Cordina u sussegwentement issir korrezzjoni fl-att tat-twelid tiegħu billi dan jiġi emendat billi fil-kolonna ta' 'Tagħrif dwar missier it-tarbija' ir-referenza għal Michael Angelo Cordina bħala missier it-tarbija tiġi sostitwita bil-kliem 'Missier mhux magħruf';

5. illi l-esponenti trid illi darba jiġi stabilit li Michael Angelo Cordina mhux il-missier naturali tal-minuri Koli Cordina l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti u l-istess Michael Angelo Cordina ma għandu jkollu l-ebda aċċess għall-istess minuri.

6. illi l-esponenti taf dawn il-fatti kollha personalment.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara, prevja n-nomina ta' esperti, illi l-intimat konvenut mhuwiex il-missier naturali tal-minuri Koli Cordina;

2. konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-istess Koli Cordina, ċertifikat numru mija u sebgħa tas-sena elfejn (107/2000), billi fil-kolonna 'Tagħrif dwar Missier it-Tarbija' jitneħħa l-isem ta' Michael Angelo Cordina u jiġi sostitwit bil-kliem 'Missier mhux magħruf',

3. tordna li l-kura u l-kustodja tal-iben minuri Koli Cordina tiġi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti Rose Grech;

4. tordna li l-istess konvenut Michael Angelo Cordina ma jkollu l-ebda aċċess għall-minuri Koli Cordina.

Bl-ispejjeż kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa qed tiġu nġunti.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenut Michael Angelo Cordina li eċċepixxa illi:

1. Illi qabel xejn u sabiex l-esponenti jkun f'pożizzjoni li jipprepara d-difiża tiegħu aħjar u jagħti twegibiet ulterjuri in oppożiżżjoni tar-Rikors tal-attriċi, li minn issa qed jirriserva d-dritt li jdaħħal risposta ulterjuri billi l-azzjoni tentata mir-rikorrenti mhijiex ċara liema mit-tliet azzjonijiet permissibbli fil-liġi tagħna dwar il-filjazzjoni naturali l-attriċi qed tintenta li teżerċita, l-attriċi għandha tiddikjara b'mod ċar jekk l-azzjoni tagħha hijiex dik tad-*denegata paternita'* a bażi tal-artikolu 70 tal-Kap. 16, jew jekk hix dik kontemplata taħt l-artikolu 84 tal-Kap. 16, jew jekk hijiex it-tielet azzjoni taħt l-artikolu 76 u 77 tal-istess Kap. 16;

2. illi in linea preliminari wkoll hemm in-nullita' tar-Rikors ai termini tal-artikolu 789(1) tal-Kap. 12, stante li t-talba attriċi hija msejsa fuq aktar minn kawżali waħda differenti u distinti minn xulxin, u ċioe' dik li tirrigwarda l-filjazzjoni naturali kontemplata fi tliet azzjonijiet taħt l-artikoli 70, 76, 77 u 84 tal-Kap. 16, u dik li tirrigwwarda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri kontemplata taħt l-artikoli 56 u 61 tal-Kap. 16, u dan in vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali *electam una via non datum recursus ad alteram* [ara f'dan is-sens is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Angelo Fenech et –vs- Pawlu Grech et, deċiża fl-24 ta' Settembru 2001]l

3. illi salv il-premess il-pretensjonijiet tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talbiet għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;

4. illi huwa kontro sens li r-rikorrenti f'nifs wieħed tiddikjara li fiż-żwieġ tagħha mal-intimat, hija kienet ikkommettiet adulterju ma' raġel iehor u minn dik ir-relazzjoni twieled Koli u fl-istess waqt tiddikjara wkoll li dan ir-raġel ieħor ma tafx min hu, u din il-kawża mhi xejn għajr pika bla sens da parti tal-attriċi f'attentat futili biex tipprova tneħħi l-paternita' tal-esponenti bħala missier naturali tal-minuri u tagħżel sitwazzjuoni agħar ta' missier mhux magħruf għall-minuri b'tant ħsara w effett trawmatiku li tali dikjarazzjoni ser iġġib fuq l-istess minuri mbasta pero' li hi tissodisfa l-pika tagħha li lill-intimat ma tagħtiħx id-dritt għall-kura u kustodja konġunta w aċċess għall-istess minuri.

5. salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenut l-ieħor Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex li eċċepixxa illi:

1. Illi preliminarjament, bi ksur tal-artikolu 181B(3) tal-Kodiċi Ċivili, Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-avukat Generali ma ġiex notifikat b'dan ir-rikors;

2. illi l-liġi Ċivili tikkontempla tlett azzjonijiet li huma permessibbli sabiex wieħed jattakka l-leġittimita' ta' l-ulied. Dawn huma: a) l-azzjoni tad-denegata paternita' a bażi tal-artikolu 70 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li hija nstitwibbli mir-raġel li huwa indikat fiċ-ċertifikat tat-twelid bħala missier it-tarbija imwielda fiż-żwieġ, b) l-azzjoni kkontemplata fl-artikolu 84 tal-Kap 16 institwibbli mill-ulied, u c) l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' leġittimita' institwibbli minn kull terza persuna, inkluża l-omm u l-ulied. Din l-azzjoni hija kkontemplata fl-artikoli 76 u 77 tal-Kap 16;

3. illi l-azzjoni ta' impunjazzuoni ta' leġittimita' hija subordinata mal-artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li l-istat ta' ileġittimu ma jistax

jiġi attakkat minn ħadd, lanqas mill-iben innifsu lanqas jekk il-minuri jkun akkwista l-istat ta' iben leġittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess att li jaqbel ma' tali att;

4. illi huwa evidenti anki mir-rikors tal-attriċi li l-iben Koli jippossjedi l-istess stat ta' leġittimita' tant li din l-Onorabbli Qorti affidat il-kura u l-kustodja tal-iben kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-konvenut l-ieħor fl-istess kawża;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni a bażi tal-artikolu 77 tal-Kap 16 hija mogħtija biss lil kull min ikollu interess fil-każ u imbagħad tispetta li din il-persuna li tipprova li fiż-żjien imsemmi f'dana l-artikolu r-raġel kien fl-impossibilita' fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien 'il bogħod minnha. Għaldaqstant ir-rikorrenti trid tipprova wkoll din l-impossibilita' fiżika tul il-perijodu kkontemplat fil-liġi;

6. illi inoltre, bla preġudizzju għas-suespost, l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirrimetti ruħu a savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

7. salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tagħha ta' l-20 ta' Mejju 2008 fejn ħalliet il-kawża għas-sentenza għal-lum.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Cordina.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża qed jintalab:

(i) li jiġi dikjarat illi l-konvenut Cordina mhux il-missier naturali tal-minuri Koli Cordina, minkejja li ġie mniżżel bħala tali fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu; u konsegwentement

(ii) li jiġi kkoreġut l-istess ċertifikat tat-twelid, billi titneħħa kull referenza għall-istess Michael Angelo Cordina bħala l-missier tat-tarbija, u minflok jitniżżel li l-minuri huwa bin missier mhux magħruf;

(iii) li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi; u

(iv) li l-konvenut Cordina ma jkollu l-ebda aċċess għall-istess minuri.

Illi qabel ma jiġi ttrattat il-mertu, jeħtieġ qabel xejn li tiġi venitilata eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Cordina dwar in-nullita' tar-Rikors odjern minħabba li "*t-talba attriċi hija msejsa fuq aktar minn kawżali waħda differenti u distinti minn xulxin… u dan in vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali 'electam una via non datum recursus ad alteram'*…" [1]

Kif intqal mill-Qorti ta' l-Appell: *"…. F'materja ta' eċċezzjonijiet ta' nullita' l-prinċipju applikabbli huwa* ***ut magis res valeat quam pereat****. Il-Qorti għandha tilqa' eċċezzjoni ta' nullita' minħabba fin-nuqqas ta' l-attur li jħares xi formalita' (sakemm ma tkunx nullita' li tirriżulta espressament mil-liġi) biss fil-każijiet fejn jirriżulta li l-konvenut isofri preġudizzju rreparabbli minħabba fin-nuqqas ta' l-attur. Il-liġi ma tiddikjarax espressament in-nullita' ta' l-att li ma jħarisx l-artikolu 156(1)(a) u għalhekk huwa applikabbli l-artikolu 789(1) (c) tal-kap. 12 li jgħid li tista' tingħata eċċezzjoni ta' nullita'* ***'jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mill-liġi … kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullita' preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat****.' "* [2]

Hekk ukoll ingħad illi: "… *n-nullita' ta' l-atti ġudizzjali hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax*

[1] Ara t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Cordina

[2] Albert Portelli vs Dr. Riccardo Farrugia : 4.12.1998 kollez. vol. LXXXII. .II. 1311

*assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali*." [3]

Fil-każ tagħna l-konvenut Cordina jsostni li l-attriċi ma setgħetx f'kawża waħda tagħmel talbiet simili msejsa fuq kawżali differenti. Madankollu l-Qorti ma tara l-ebda nuqqas proċedurali fil-mod kif saru dawn it-talbiet u ma jidher xejn kontradittorju fihom. Anzi waħda ssegwi lill-oħra, għaliex kemm-il darba l-attriċi tirnexxi fit-talbiet tagħha dwar id-dikjarazzjoni ta' l-istat illeġittimu tal-minuri, ma jibqa' ebda ġustifikazzjoni għall-kura, kustodja w aċċess li presentement il-konvenut Cordina qed jeżerċita fuq il-minuri.

Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih respinta.

Niġu għalhekk għall-mertu. Jidher illi l-attriċi qed tibbaża t-talbiet tagħha dwar id-dikjarazzjoni ta' stat illeġittimu ta' binha minuri fuq l-artikolu 77 tal-kap. 16, li jagħti dritt lil kull min ikollu interess li jattakka l-paternita' ta' "*tifel*" imwieled matul iż-żwieġ. Dan għaliex l-artikoli l-oħra li permezz tagħhom tista' tiġi attakkata l-paternita' huma disponibbli biss għar-raġel ta' l-omm (art. 70) u għall-wild innifsu (art. 84).

Kif ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna f'kawżi bħal dawn, sabiex tirnexxi talba bbażata fuq l-artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, kif allura għandna fil-każ in eżami, jrid jiġi ppruvat illi:

(i) **t-tarbija ma kienitx leġittima** u

(ii) **l-istat tagħha effettivament ma jikkorrispondix ma' dak li juri l-att ta' twelid tagħha**.[4]

Infatti f'kawża simili fejn l-attur talab li jiġi dikjarat il-missier naturali tat-tarbija, u ma ingħadx fiċ-ċitazzjoni li t-tarbija kellha stat differenti minn dak li jidher fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, l-Qorti ma dehrilha li kien hemm ebda

---

[3] Appell: Guido J. Vella A.CE vs Dr. Emanuel Cefai Ll.D.: 4.11.1991 vol. LXXV. II. 474

[4] A vs Direttur tar-Registru Pubbliku et. Prim'Awla (Sezzjoni Familja) RCP : 18.11.2004

ostakolu biex tilqa' t-talba, ġialadarba ż-żewġ rekwiżiti mitluba mil-liġi ġew ippruvati.[5] Minkejja li ma ssemmewx, huma xorta waħda dawn ir-rekwiżiti li trid neċessarjament tipprova l-attriċi fil-kawża preżenti.

I. Dwar l-ewwel rekwiżit : **in-nuqqas ta' leġittimita' tat-tarbija.** L-artikolu 77 tal-Kodiċi Civili jirrikjedi li biex wieħed jirnexxi b'din l-azzjoni huwa għandu jipprova illi, fiż-żmien it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilita' fiżika li jgħammar ma' martu minħabba li kien bogħod minnha. Fil-każ in eżami t-tarbija twieldet fis-6 ta' April 2000.[6] Ma tressqu ebda provi fil-kawża preżenti. Jidher pero' illi ġialadarba l-minuri ġie reġistrat bħal iben il-konvenut Cordina, ta' l-inqas f'dawk iż-żminijiet il-konjuġi Cordina kien għadhom jabitaw flimkien u mhux sseparati formalment. Għalhekk ma jistax jingħad illi kien hemm l-impossibilita' fiżika li dawn jgħammru ma' xulxin, ġialadarba lanqas m'hu qed jiġi allegat illi xi ħadd minnhom kien imsiefer tul il-perijodu msemmi mil-liġi. Imma kif intqal f'ċirkostanzi simili:

"*Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kliem "**minħabba li kien bogħod minnha**" m'għandhomx jingħataw it-tifsira li r-raġel ma jkunx jgħix fil-pajjiż fejn tabita martu. Illum, meta l-mezzi ta' komunikazzjoni bejn pajjiż u ieħor tant tjiebu, din ix-xorta ta' lontananza ma toffri l-ebda prova fis-sens tal-liġi. Anke l-priġunerija tar-raġel illum m'hi l-ebda prova li huwa jinsab "**bogħod minn martu**" għaliex huwa possibbli li dawn jiltaqgħu;*

*Il-Qorti taħseb li, f'dan il-kuntest, l-interpretazzjoni li għandha tingħata hija li din il-lontananza bejn il-mara u r-raġel għandha tkun waħda ta' natura psikoloġika aktar milli tirrifletti d-distanza fiżika ta' bejniethom."* [7]

Fil-fehma tagħha għalhekk, dan ir-rekwiżit jista' jiġi sodisfatt anke permezz ta' mezzi oħra li t-teknoloġija

---

[5] A vs B u C et noe.: Prim'Awla : 4.12.1998 FGC
[6] ara certifikat tat-twelid relattiv, esebit bhala Dok. A a fol. 4 tal-process
[7] Prim'Awla : A vs B u C et noe. 4.12.1998

moderna tippermetti, bħal per eżempju eżami komparattiv tad-DNA tar-raġel ta' l-attriċi ma' dawk tal-minuri, li jista' jeskludi għal kollox il-paternita' tal-konvenut Cordina .

2. Dwar it-tieni rekwiżit: **Stat differenti minn dak li jidher fuq l-att ta' twelid.**

A tenur ta' l-artikolu 81 tal-Kap. 16 "***ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben leġittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att*;**" u similment "ħ***add ma jista' jattakka l-istat tal-iben leġittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tiegħu***." Għalhekk u kif hu aċċettat mill-ġurisprudenza lokali, l-azzjoni proposta mill-artikolu 77 tal-Kap. 16, hija waħda subordinata għall-artikolu 81.[8] Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha fil-kawża: "Emanuela sive Lilian Diacono pro. et noe. vs. Massimo Alakkad et." (RCP. 2.10.2002) : "….*huwa ċar li l-ħsieb tal-liġi huwa li jipproteġi l-istat ta' leġittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiż-żwieġ, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess deskrizzjoni wkoll tal-hajja tieghu, hekk mizmum fil-rejalta' soċjali bħala iben jew bint l-istess konjuġi*."

Ir-**Ricci** jispjega f'dan ir-rigward illi:
" (il legislatore) *ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' del talammo e per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvalorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei figli concepiti da sua moglie durante il matrimonio*" ( vol. I. pt. II. # 49 p. 63).

Infatti l-liġi tagħna wkoll tagħmel din il-preżunzjoni fl-artikolu 67 tal-Kap. 16: "***L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu***".

Fil-każ in eżami jirriżulta illi l-minuri għandu fil-fatt stat leġittimu, u fiċ-ċertifikat tat-Twelid tiegħu jidher illi ngħata

[8] Joseph Ellul vs Dr. Anthony Cutajar et noe. : Prim'Awla : 10.12.2002 .

kunjom ir-raġel ta' ommu. Imma b'daqshekk ma jfissirx illi ma jistghux jitressqu provi li jindikaw, fil-grad ta' ċertezza meħtieġa mill-liġi, illi huwa għandu l-pussess ta' stat differenti minn dak li jidher fuq l-att tat-twelid tiegħu. Il-prova ta' l-istat ta' iben leġittimu hi magħmula minn ġabra ta' fatturi, ewlenin fosthom dawk elenkati fl-artikolu 80(2) tal-Kap. 16. Kif intqal fis-sentenzi "Concetta Conti noe. vs Angelo Camilleri (vol. XXXII. ii. 309) u "Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et.: (P.A. 18.1.2000 RCP):

*"…. Dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-artikolu 82 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid jew ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-Artikolu 80 tal-Kap. 16) inkella jekk it-tifel ikun ġie reġistrat taħt isem falz …. Il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda oħra li tista' tinġieb skond il-liġi. Fi kliem ieħor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx maċ-ċertifikat tat-twelid il-prova li toħroġ miċ-ċertifikat tar-reġistru Pubbliku mhux insindakabbli*" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Rilevanti wkoll dak li qalet l-istess Qorti fl-aħħar kawża hawn fuq ċitata fis-sens illi:

"*F'dan l-isfond wieħed jirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet "Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku" (FGC. 10.5.1996) fejn ingħad illi l-attur "għandu nteress li jattakka l-leġittimita' tat-tifla minuri u dan jekk jipprova dak li hemm indikat fl-arikolu 77 tal-Kap. 16. Illi l-prinċipju "pater est quem justae nuptiae demonstrat" huwa rikonoxxut mill-liġi tagħna permezz tal-artikolu 67 li jgħid illi "l-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin żewġ ommu," pero' madankollu wieħed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qegħd taqbad l-għeruq il-fehma li r-realtajiet bijoloġiċi u soċjali jipprevalu fuq il-preżunzjoni legali li 'pater est quem justae nuptiae demonsatrant.' Illi dan ġie rikonoxxut anke bis-sentenza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Kroon vs The Netherlands" fejn ġie rikonoxxut legalment l-eżistenza ta' 'family ties' anke bejn persuni li ma humiex miżżewġin, u għalhekk il-frott ta' l-istess, għandu jiġi rikonoxxut bħala tali, għaliex jirrispekkja il-verita' attwalli f'din il-kawża.*

*Ċertament li dan kollu ma jsib l-ebda ostakolu bl-artikolu 81."* Huwa evidenti għalhekk illi l-provedimenti ta' l-artikolu 81 tal-kap. 16 ma jistgħux izommu lil ġudikant milli jagħmel l-indaġini meħtieġa sabiex jiġi stabilit jekk jeżistix jew le l-pussess ta' stat ta' iben leġittimu konformi ma' l-att tat-Twelid tiegħu.

Imma fil-każ in eżami, minkejja li baqgħu ma tressqu ebda provi, jidher li l-attriċi stess irrejalizżat illi l-kawża tagħha qatt ma tista' tirnexxi minn dan l-aspett. Dan għaliex anke l-premessi u t-talbiet ta' din il-kawża jippresupponu illi l-istat ta' iben leġittimu tal-minuri, kif jidher fiċ-ċertifikat tat-Twelid tiegħu, huwa konformi eżattament ma' dak li jipposjedi attwalment l-istess minuri. Infatti t-tielet u raba' talba ta' l-attriċi jirrigwardaw  t-tneħħija tal-kura u kustodja li l-konvenut Cordina bħala missier għandu fuq il-minuri, kif ukoll id-dritt ta' aċċess li l-istess Cordina igawdi fuqu, dmirijiet u drittijiet li ma kienx ikollu li kieku kien hemm xi stat attwali differenti.

Għaldaqstant billi l-minuri jirriżulta li huwa fil-pussess ta' stat konformi ma' dak li juri l-att ta' Twelid tiegħu, dan  it-tieni rekwiżit qatt ma jista' jiġi sodisfatt.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenut Cordina, kif ukoll it-tielet, ir-raba u l-ħames eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku għal Għawdex, tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------